BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 5**

**IL-ĦAMIS 20 TA' ĠUNJU, 2013**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar Il-Ħamis 20 ta' Ġunju, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Alison Zerafa Civell, **il-Viċi Sindku** Ivan Agius u **l-Kunsilliera** Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli, Alfred Attard, Roderick Mamo u James Cauchi.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

**AGENDA**

1. Pagamenti – Ġunju, 2013
2. Review ta' kuntratt KLBO 01/2012 – Cleaning of Council Property Properties
3. Review ta' kuntratt KLBO 08/2011 – Works Manager
4. Mozzjonijiet
5. Korrispondenza
6. Aġġornament

**TALBA**

**Is-Sindku Alison Zerafa Civelli** qalet it-talba.

**05/01** **<u>Pagamenti - Ġunju, 2013</u>**

05/01/01 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2013.

05/01/02 Fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsilliera Noyah Spiteri, il-kontijiet ġew unanimament approvati għall-pagament wara votazzjoni.

05/01/03 Is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera oħra iffirmaw il-lista tal-kontijiet bħala dokument korrett.

**05/02** **<u>Review ta' kuntratt KLBO01/2012 – Cleaning of Council Properties</u>**

05/02/01 Il-Kunsill ġie preżentat b'abbozz ta' tiġdid tal-Kuntratt KLBO 01/2012.

05/02/02 Fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsillir James Cauchi, il-Kunsill unanimament approva li jġedded il-kuntratt b'sena oħra.

**05/03** **Review ta' kuntratt KLBO08/2011 – Works Manager**

05/03/01 Il-Kunsill ġie preżentat b'abbozz ta' tiġdid tal-Kuntratt KLBO 08/2011.

05/03/02 Fuq mozzjoni tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Alfred Attard, il-Kunsill unanimament approva li jiġġeded il-kuntratt b'sena oħra.

**05/04** **Mozzjonijiet**

05/04/01 Mozzjoni nru 27/2013 (VII)

*Fid-dawl tad-diversi talbiet pendenti li għandu l-Kunsill Lokali għal allokazzjoni ta' posti fil-Monti ta' nhar ta' Tlieta, u invista tal-fatt li l-waiting list għal tali posti qegħda dejjem tiżdied, qed nipproponi li jsir xogħol ta' skavar quddiem Sally Port, fi Triq il-Ġublew tal-Fidda kif indikat fil-pjanta hawn taħt, b'tali mod li din id-daħla li hemm tiġi f'livell wieħed mat-triq u b'hekk jinħoloq spazju ġdid fejn il-Kunsill ikun jista' jalloka aktar posti.*

*Bl-istess mod, qed nipproponi wkoll li medda kbira ta' circa. 2000 metru kwadru fl-istess triq, storikament magħrufa bħala 'Rock Gate Cemetry', jsir xogħol b'tali mod li apparti li jinfetaħ u jinkixef is-sur kompletament biex jitgawda mill-pubbliku, jakkomoda fih numru ta' posti ġodda għall-monti.*

Mozzjoni: Noyah Spiteri
Sekondant: Alfred Attard

Il-Kunsilliera Noyah Spiteri irtirat il-mozzjoni.

05/04/02 Mozzjoni nru 28/2013 (VII)

*Qed nipproponi li ssir qasrija fi Triq San Lazzru. Din il-qasrija għanda ssir l-isfel, b'tali mod li jkun hemm spajzu li toqgħod karozza fil-kantuniera, dan għaliex wara diversi ilmenti mir-residenti li ma jkollhomx aċċess biex iħottu xi affarijiet mill-karozza għad-dar tagħhom.*

Mozzjoni: Il-Viċi-Sindku Ivan Agius
Sekondant: Noyah Spiteri

Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

**05/05** **Korrispondenza**

05/05/01 Skola St. Francis Bormla (05/1841/13)
Sister Claudia Zammit, Kap ta' l-iSkola St Francis, Bormla talbet rampa biex student b'diżabilita' jkollu aċċess għall-iskola.

Il-Kunsill unanimament approva li l-ilment jintbagħat lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

05/05/02 Evenings on Campus 2013 (05/1808/13)
Il-President, Koperattiva Kulturali Universitarja talab lill-Kunsill biex bħas-sena l-oħra jerġa jiġi organizzat Evenings on Campus f'Bormla. Il-Kunsill unanimament approva li joħroġ il-permess tal-attivita'.

05/05/03 Magazine tal-Kunsill
Is-Sur Raymond Gatt stampatur tal-magazine tal-kunsill ikkwota s-somma ta' €1050 excl 5% VAT għall-ħarġa tal-magazine tal-Kunsill ta' Novembru/Diċembru b'20 paġna A4 b'żewġ kuluri.

Il-Kunsill unanimament approva s-somma ta' €1050 biss filwaqt li kien favur li nigbru reklami għal din il-ħarġa. Is-Sur Alfred Attard u s-Sinjorina Noyah Spiteri ġew inkarigati mill-ġbir tar-reklami filwaqt li ġie approvat li jinħarġilhom tags u jingħataw ktieb ta' l-irċevuti għall-ħlasijiet tar-reklami.

05/05/04 Sejħa għall-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi
Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ħareġ mil-laqgħa il-Kunsill iddeċieda li din il-korrispondenza tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

05/05/05 Triq il-Polverista (05/1363/13)
Il-Kunsill unanimament approva wara li ġie preżentat b'petizzjoni li jinstalla tliet *traffic calmers* kif indikati fil-pjanta annessa ma' l-istess petizzjoni.

05/05/06 Il-Kunsillier James Cauchi talab li jingara e-mail [illegible] 18-6-13

**05/06 Aġġornament**

Fit-8.00pm l-aġenda ġiet eżawrita u l-laqgħa ġiet aġġornata għat-18 ta' Lulju fis-6.30pm.

Alison Zerafa Civelli
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv

BORMLA

Kunsill Lokali Bormla

# SKEDA TA' ĦLASIJIET

Perjodu: Gunju, 2013

| Ref. No. | Nru. tal-Invoice | Data tal-Invoice | Fornitur | Deskrizzjoni | Ammont tal-Invoice | Nru. tan-Nominal Account | Metodu* | | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Cheque | Data tal-Pagament | Payment Voucher |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2013-321 | - | - | WSC | Council's Premises - Credit Note i.r.o. Photovoltaic Panels application | -€ 46.59 | 2130 | D | INV | - | - | 4770 | 11/06/13 | PV146/2013 |
| 2013-322 | - | - | Petty Cash | Cash | € 196.48 | 5010 | D | INV | - | - | 4771 | 11/06/13 | PV147/2013 |
| 2013-323 | 10062013 | 10/06/13 | Pavia | Morsa / Cable Ties / Reducer / Tangit / Key cutting | € 72.45 | 2210 | D | INV | 601 | 101198 | | | |
| 2013-324 | 11062013 | 11/06/13 | Pavia | 4 bags lime - white washing of walls - Pjazza Santa Margerita | € 20.00 | 2210 | D | INV | 602 | 101199 | | | |
| 2013-325 | - | 13/06/13 | C. Grech (Poy Poy) | Cleaning Material / Hospitality | € 67.41 | 2220/3340 | D | INV | 604 | 101201 | | | |
| 2013-326 | 13062013 | 13/06/13 | Pavia | 7 energy savers | € 53.55 | 2210 | D | INV | 596 | 101193 | | | |
| 2013-327 | 7935174 | 14/06/13 | Eugenio Ciappara | 18ft Soprabank | € 270.00 | 2210 | D | INV | 594 | 101191 | | | |
| 2013-328 | 11044727 | 12/06/13 | Eximus Services Ltd | Magic Mop | € 30.00 | 2220 | D | INV | - | - | 4776 | 18/06/13 | PV155/2013 |
| 2013-329 | 128 | 17/06/13 | Shawn Vella | Repairs to AC (Executive Secretary) | € 35.40 | 2330 | D | INV | 607 | 101204 | | | |
| 2013-330 | 17062013 | 17/06/13 | Pavia | 3 mtrs sandpaper / putty/ball valve/thread tape | € 8.52 | 2210 | D | INV | 605 | 101202 | | | |
| 2013-331 | I-Y7163 | 06/03/13 | Kenneth Hardware Stores | Material for repairs - Public Convenience (Triq San Frangisk) - Difference (invoice attached to PV 141/2013) | € 5.46 | 3053 | D | INV | 497 | 101093 | | | |
| 2013-332 | N-1185 | 07/03/13 | Kenneth Hardware Stores | CREDIT NOTE - 3 Bottle Trap 1 1/4 | -€ 11.97 | 3053 | D | INV | | | | | |
| 2013-333 | I-Y909 | 07/03/13 | Kenneth Hardware Stores | B/Trap 1 1/4 x 3 | € 4.32 | 3053 | D | INV | | | | | |
| 2013-334 | - | 17/06/13 | C. Grech (Poy Poy) | Cleaning Materials / Refreshments | € 11.40 | 2220/3340 | D | INV | 606 | 101203 | | | |
| 2013-335 | 21665337 | 17/06/13 | GO plc | Rent - June 2013 / Consumption - May 2013 | € 137.12 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-336 | 21672222 | 17/06/13 | GO plc | Rent - June 2013 / Consumption - May 2013 | € 18.34 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-337 | 21663030 | 17/06/13 | GO plc | Rent - June 2013 / Consumption - May 2013 | € 42.23 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-338 | 21664236 | 17/06/13 | GO plc | Rent - June 2013 / Consumption - May 2013 | € 19.36 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-339 | 21697701 | 17/06/13 | GO plc | Rent - June 2013 / Consumption - May 2013 | € 22.11 | 2150/2160 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-340 | - | - | ANSEK | 2013 membership | € 140.00 | | D | INV | - | - | 4779 | 19/06/13 | PV154/2013 |
| 2013-341 | 136 | 19/06/13 | Shawn Vella | Servicing 2 airconditioners | € 59.00 | 2330 | D | INV | 610 | 101206 | | | |
| 2013-342 | 21107189 | 17/06/13 | Nibe Beverages | 15 x 18.9ltr Mineral Water | € 63.76 | 3340 | D | INV | - | - | | | |
| 2013-343 | 19062013 | 19/06/13 | Pavia | 1 white cement / 1 safety shoes / 1 flexible pipe / 3 prs rubber gloves | € 48.90 | 2210 | D | INV | 609 | 101207 | | | |

**METODU: D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**INV - Invoice, EC - Expense Claim, DP - Deposit**

| | |
|---|---|
| **TOTAL** | **€ 1,267.25** |

| | |
|---|---|
| **Approvati f'Seduta Nru.** | 5 |
| **Data:** | 20/06/13 |

**Firma:**

**Alison Zerafa**
**Sindku**

**Joseph Caruana**
**Segretarju Ezekuttiv**

Kunsillier
Isem: _______________

Kunsillier
Isem: _______________

Kunsill Lokal Bormla (Leġislatura Nru. 7)

Seduta tal-Kunsill Nru. 5

**Mozzjoni Nru. 27-2013 (VII)**

Fid-dawl tad-diversi talbiet pendenti li għandu l-Kunsill Lokali għal allokazzjoni ta' posti fil-Monti ta' nhar ta' Tlieta, u invista tal-fatt li l-waiting list għal tali posti qegħda dejjem tiżdied, qed niproponi li jsir xogħol ta' skavar quddiem Sally Port, fi Triq il-Ġublew tal-Fidda kif indikat fil-pjanta hawn taħt, b'tali mod li din id-daħla li hemm tiġi f'livell wieħed mat-triq u b'hekk jinħoloq spazju ġdid fejn il-Kunsill ikun jista' jalloka aktar posti.

Bl-istess mod, qed niproponi wkoll li medda kbira ta' circa. 2000 metru kwadru fl-istess triq, storikament magħrufa bħala 'Rock Gate Cemetry', jsir xogħol b'tali mod li apparti li jinfetaħ u jinkixef is-sur kompletament biex jitgawda mill-pubbliku, jakkomoda fih numru ta' posti ġodda għall-monti.

Mozzjoni: Noyah Spiteri

Sekondant: Alfred Attard

Alf. Attard

14-6-13


ĊIMITERJU
TRIQ IL-MITRNA
TRIQ SANTA MARGERITA

Kunsill Lokal Bormla (Leġislatura Nru. 7)

Seduta tal-Kunsill Nru. 5

**Mozzjoni Nru. 28-2013 (VII)**

Qed nipproponi li ssir qasrija fi Triq San Lazzru. Din il-qasrija ghanda ssir l-isfel, b'tali mod li jkun hemm spajzu li toqghod karozza fil-kantuniera, dan ghaliex wara diversi ilmenti mill-residenti li ma jkollomx access biex jhottu xi affarijiet mill-karozza ghad-dar taghhom.

Mozzjoni: Ivan Agius

Sekondant: Noyah Spiteri

14-6-13